Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali

Brussell, 17 ta' Diċembru 2025

CM 5459/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0236(COD)

CODEC
SIMPL
ANTICI
AGRI
AGRIFIN
FIN
COH
PROCED

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt:	codecision.adoption@consilium.europa.eu
Tel./Fax:	+32.2.281.3917
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward tas-sistema tal-kundizzjonalità, it-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagament dirett, it-tipi ta' intervent f'ċerti setturi u l-iżvilupp rurali u r-rapporti annwali tal-prestazzjoni u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward tas-sospensjonijiet tal-pagamenti b'rabta mal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni u l-kontrolli u l-penali **(I-ewwel qari)** – Bidu ta' proċedura bil-miktub – Adozzjoni tal-att leġiżlattiv – Approvazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill

Wara d-deċiżjoni tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) fl-10 ta' Diċembru 2025 li tintuża l-proċedura bil-miktub, jekk jogħġobkom indikaw jekk taqblux ma':

1. l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward tas-sistema tal-kundizzjonalità, it-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagament dirett, it-tipi ta' intervent f'ċerti setturi u l-iżvilupp rurali u r-rapporti annwali tal-prestazzjoni u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward tas-sospensjonijiet tal-pagamenti b'rabta mal-approvazzjoni annwali tal-prestazzjoni u l-kontrolli u l-penali, kif jinsab fid-dokument PE-CONS 49/25;

2. l-approvazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill li takkumpanjah, kif tinsab fl-Anness I ta' din il-komunikazzjoni.

Jekk jogħġobkom wieġbu IVA, LE jew ASTENSJONI għal kull mistoqsija.

Kwalunkwe dikjarazzjoni, li ser tiżdied ma' dik fl-Anness II ta' din il-komunikazzjoni, għandha ssir fl-istess ħin tat-tweġiba għall-mistoqsijiet.

It-tweġibiet għandhom jaslu għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill **mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-Ħamis, 18 ta' Diċembru 2025, fil-11:00 (ħin ta' Brussell)** u jintbagħtu lil: **codecision.adoption@consilium.europa.eu.**

ANNESS I

Dikjarazzjoni tal-Kunsill
dwar ir-rikonoxximent tal-prinċipju ta' "kondiviżjoni ta' darba, użu diversi drabi"

Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza li tittejjeb l-interoperabbiltà tas-sistemi tad-data miżmuma fl-amministrazzjonijiet nazzjonali u japprova l-prinċipju ta' "kondiviżjoni ta' darba, użu diversi drabi" peress li jista' jnaqqas il-piż fuq il-bdiewa, filwaqt li jevita rapportar multiplu tal-istess data.

Il-Kunsill huwa impenjat li jkompli d-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet nazzjonali u jinnota li l-amministrazzjonijiet nazzjonali diġà qed jinvestu f'sistemi ta' data interoperabbli tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku.

Minħabba l-ħidma meħtieġa biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet dwar l-interoperabbiltà, u l-bidliet fis-sistemi tal-IT li jirriżultaw minn din il-proposta f'dan l-istadju avvanzat tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali, il-Kunsill iqis li l-prinċipju "kondiviżjoni ta' darba, użu diversi drabi" ma għandux jiġi inkluż fil-pakkett Omnibus III u huwa parti mill-proposta għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. F'dan ir-rigward, jilqa' l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet fil-proposta tal-Kummissjoni dwar il-PAK wara l-2027 u jinsab lest li jaħdem fir-rigward tal-aħjar mod biex jintlaħqu l-objettivi tal-prinċipju ta' "kondiviżjoni ta' darba, użu diversi drabi".

Il-Kunsill jinsab lest li jkompli jaġixxi biex itejjeb l-interoperabbiltà tad-data bejn is-sistemi ta' informazzjoni użati għall-implimentazzjoni, l-amministrazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK għall-benefiċċju tal-bdiewa u benefiċjarji oħra tal-PAK.

ANNESS II

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea
dwar il-KAAT 5 "Ġestjoni tar-raba' li tnaqqas ir-riskju tad-degradazzjoni tal-ħamrija, inkluża l-konsiderazzjoni tal-inklinazzjoni"

L-approċċ tal-Kummissjoni huwa li żżomm l-objettiv tal-KAAT 5, ħalli tiżgura ġestjoni minima tal-art li tirrifletti kundizzjonijiet speċifiċi għas-sit biex tiġi limitata l-erożjoni tal-ħamrija, filwaqt li tiżgura li l-implimentazzjoni tibqa' prattika, ibbażata fuq ir-riskju u b'mod li tkun ġusta għall-bdiewa, u konsistenti bis-sħiħ mal-objettivi ġenerali ta' simplifikazzjoni, sostenibbiltà u rispons għall-kriżijiet tal-Politika Agrikola Komuni. Mill-2024, bħala riżultat tal-ewwel emenda għas-simplifikazzjoni tal-PAK, l-Istati Membri għandhom grad ogħla ta' flessibbiltà biex jiddefinixxu u jimplimentaw il-KAAT 5.

Bħala riżultat tal-adozzjoni ta' dan l-omnibus ta' simplifikazzjoni u filwaqt li jitqies l-att ta' simplifikazzjoni tal-2024, sal-31.12.2025 il-Kummissjoni se tirrieżamina d-dokumenti li jiċċaraw il-leġiżlazzjoni, bħala parti mill-isforz kontinwu tagħha ta' simplifikazzjoni, biex tiżgura li l-Istati Membri jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mis-simplifikazzjonijiet disponibbli mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-kontenut ta' kwalunkwe dokument bħal dan se jiġi ċċarat u fejn meħtieġ modifikat, filwaqt li jirrifletti l-qafas legali l-ġdid u l-ħtieġa għal implimentazzjoni proporzjonata u prammatika tar-regoli.